# Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 179/21/F

**Gordon Tanti**

**vs**

**MBL Garage Doors Solutions**

Illum, 12 ta' Settembru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar il-25 ta' Mejju 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li l-azjenda intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar it-8 ta' Ġunju 2023 f'idejn ċertu "Keith Balzan";

Ra li l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għall-udjenza tat-3 ta' Lulju 2023 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Gordon Tanti bil-ġurament u ra d-dokumenti minnu eżebiti;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' elfejn, sitt mija u sittin Euro (€2,660) li huwa kien ħallas bħala *deposit* lill-azjenda intimata fuq bieb tal-garaxx. Il-prezz totali miftiehem kien ta' €3,800.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li huwa ħallas id-*deposit* kif mitlub u kienu skorrew il-fuq minn 14-il ġimgħa, il-bieb tal-garaxx ordnat baqa' qatt ma mmaterjalizza u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni ulterjuri minn naħa tal-azjenda intimata. B'hekk beda jaħseb ħażin.

Illi l-azjenda intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent u għalhekk il-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent tibqa' inkontradetta.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tiegħu timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is- somma ta' elfejn, sitt mija u sittin Euro (€2,660).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu esklussiv tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***